MALTA

# QORTI KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2008

Numru 998/2008

**Ir-Repubbblika ta' Malta**
**Vs**
**Anthony Schembri**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza migjuba kontra Anthony Schembri talli fl-Isptar San Luqa, fil-Pieta', nhar id-29 ta' Settembru, 2005, ghall-habta ta' nofsinhar, dolozament, bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Dolores sive Doris Schembri f'perikolu car, taha diversi daqqiet ta' strument jaqta' u bil-ponta u kkagunalha l-mewt; kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi fil-hin li huwa kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari; u aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, zamm u garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2005, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, fuq talba

tad-difiza, inhatru esperti medici biex jivverifikaw il-kondizzjoni mentali ta' l-imputat;

Rat illi, wara li kien mahluf ir-rapport ta' l-imsemmija esperti ossia periti, l-Avukat Generali, b'rikors tat-22 ta' Jannar, 2007, talab, skond ma jipprovdi l-Artikolu 402(5) tal-Kodici Kriminali, li l-kwistjoni tal-allegat genn tal-imsemmi Schembri tingieb quddiem din il-Qorti, u dan peress li hu ma riedx joqghod ghall-fehma tal-imsemmija periti dwar il-genn tal-imputat;

Rat l-Artikoli 402 u 620 *et seq.* tal-Kap. 9;

Rat il-verdett tal-gurija moghti llum li bih, b'sebgha (7) voti favur u zewg (2) voti kontra sabu li Anthony Schembri ma kienx fi stat ta' genn skond il-ligi fil-mument li ghamel dak deskritt fl-akkuza;

Tiddikjara ghalhekk illi Anthony Schembri ma kienx fi stat ta' genn skond il-ligi fil-mument li ghamel dak deskritt fl-akkuza;

Tordna li l-atti jintbaghtu minnufih lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja ghall-kontinwazzjoni tal-kumpilazzjoni (u dan anke jekk isir appell mill-verdett u sentenza tal-lum stante li tali appell ma jwaqqafx l-esekuzzjoni ta' sentenza tal-Qorti Kriminali);

Tordna fl-ahharnett li Anthony Schembri jittiehed lura l-Isptar Monte Carmeli, fejn kien qed jinzamm minnufih qabel ma bdew il-proceduri l-bierah bhala parti mill-kundizzjonijiet tal-helsien tieghu mill-arrest preventiv (fi kliem iehor l-imsemmi akkuzat ghandu jerga' jitqieghed, ghal dak li hu helsien mill-arrest, fl-istess posizzjoni li kien fiha minnufih qabel ma dahal fl-izbarra l-bierah).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------